**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 27 ta` Marzu 2017**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Malcolm Bondin)**
**(Spettur Graziella Muscat)**

**Vs**

**JURGEN ZAHRA**

**KUMP NRU 765/2011**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Jurgen Zahra** detentur tal-karta tal-identita bin-numru 360390(M), gie akkuzat talli gewwa San Giljan nhar is-26 ta' Gunju 2011 ghall-habta tal-04:00hrs;

1. Bil-hsieb li jghamel delitt u cioe' li bi vjolenza jikkommetti stupru vjolenti fuq il-persuna ta' Timea Toth, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta ta' Jurgen Zahra;

2. Bla ordni skond il-ligi tal-awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil xi

persuna, cioe lil Timea Toth, kontra l-volonta taghha, u dan biex toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;

3. Bi vjolenza ikkometta attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-persuna ta' Timea Toth;

4. Uza vjolenza sabiex igieghel lill-istess Timea Toth taghmel xi haga kontra l-volonta taghha;

5. Ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Timea Toth;

6. Offenda l-pudur jew il-morali, b'eghmil li sar f'post pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku.

Il-Qorti hija mitluba sabiex jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta tal-imsemmija Timea Toth u l-familja taghha, kif ukoll ghax-xhieda okulari ohra tal-Prosekuzzjoni u minn issa tapplika l-provvediment tal-Artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawteli li din il-Qorti jidrilha li huma xierqa;

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-*rinvio a giudizio* tal-Avukat Generali tad-29 ta' April 2013 (ara *folio* 157) u l-kunsens ta` l-imputat sabiex din il-kawza tigi deciza bil-procedura sommarja (ara *folio* 179);

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda moghtija f'dan il-procediment;

Qieset in-noti ta` sottomissjonijiet finali, elaborati sew, tal-prosekuzzjoni u tad-difiza;

**Ikkunsidrat**;

Mhux li stil ta` din il-Qorti li fis-sentenza toqghod tirriproduci dak kollu li jkun irrizulta fil-process, u dana peress illi kif inhu f'dan il-kaz, dak kollu li jirrizulta, jinsab dettaljatament ikkompilat fl-atti ta` dan il-procediment.

Illi rrizulta sodisfacentement skond il-ligi illi fil-hin bikri ta` filghodu tas-26 ta` Gunju 2011, l-imputat, li kien xurban mhux hazin, kien ghaddej bil-vettura tieghu FAW 461 fl-inhawi bejn Paceville u San Gwann, hekk kif taqbez l-ewwel *tunnel*. Huwa lemah tfajla (li wara gie kkonfermat li kien jisimha Timea Toth, ta` nazzjonalita` Ungeriza, ta` 24 sena, li kienet Malta biex tahdem), li kienet miexja u huwa beda jsuq il-vettura tieghu magenbha u pprova jkellimha. Timea Toth baqet miexja u hin minnhom l-imputa irriversja, hareg mill-vettura u avvicina lit-tfajla u qabdilha idejha izda hija rnexxielha tinhall u telqet tigri u waslet sa hdejn il-*playground*. Hemmhekk hija kienet bla nifs, bdiet tibki u ndunat li tilfet in-nuccali. F'dan il-mument hija setghet tinnota li fuq in-naha l-ohra tat-triq kien hemm vetura li waqfet, kellha d-dwal mixghulin u l-bieba thalliet miftuha. Timea Toth ma setghetx tara sew u bdiet tibki ghall-ghajnuna.

Illi kien f'dan il-mument (qrib stabbiliment li kien igib l-isem ta` Cubana Bar) li l-imputat (li kien is-sewwieq tal-vettura li waqfet, bid-dawl mixghul u l-bieba thalliet miftuha) resaq lejn Timea Toth, hatafha minn wara u beda jzommilha halqa biex ma tghajjatx. Kien qed izomma b'forza ghax huwa kien b'sahhtu. TimeaToth ippruvat tiggieled lura biex tinhall u kien hawnhekk fejn l-imputat infexx fi swat vjolenti fuq wiccha u fuq rasha u rnexxielu jnizzilha ma l-art. Huwa gie fuqha u pprova jnehhilha l-qalziet. Sadanittant hija kompliet tissara mieghu. Huwa rnexxielu jqattalgha l-qalziet f'bicctejn. Imbaghad ipprova jnehhilha l-qalziet ta` taht; kwazi rnexxielu izda hija rrezistiet u ma hallitux. Waqt dan kollu l-imputat kompla jsawwat lil Timea Toth. Tiftakar li kien hafna qrib taghha naturalment ghax kien qed izommha tahtu. Timea Toth tiftakar li l-imputat, li hija sa dak il-hin kienet ratlu wiccu sew, kien baqa liebes. Kien anki missilha sidirha. Waqt dan l-attakk, Timea Toth ma setghetx tinhall minn taht l-imputat. Hija fil-fatt intilfet ftit minn sensieha minhabba s-swat u tiftakar li sabet ruhha f'Ambulanza.

Illi waqt li kien qed isehh dan kollu, inzerta li kienu ghaddejjin erba persuni ta` nazzjonalita` barranija, fosthom Marie-Christine Smolka, u nstemgha twerzieq u ghajjat ta` tfajla. In effetti nizlu mill-vettura, raw lill-imputat f'din l-aggressjoni fuq

Timea Toth u allura huma bdew jghajjtu sabiex jieqaf. Kien hawnhekk li l-imputat telaq jigri u harab minn fuq il-post. Huma hadu nota tan-numru ta` registrazzjoni tal-vettura li kien qed juza l-imputat. Immedjatament waslu l-pulizija fuq il-post, peress illi xi hadd kien diga gharraf lill-pulizija li kien qed isehh incident. Waslet ukoll l-ambulanza.

Dan hu dak li effettivament sehh u li gie ppruvat ‘l hemm minn kull dubbju dettat mir-raguni.

**Ikkunsidrat**;

Illi l-fatti rizultanti, dwar dak li effettivament sehh fil-lejl in kwistjoni u li hu l-mertu ta` din il-kawza, huma kkonfortati mill-istqarrija ta` l-imputat li huwa ta lill-pulzija waqt l-investigazzjoni, u fuq kollox il-fatti ta` dan il-kaz isibu l-konfort fix-xhieda u fir-rapporti tal-esperti nominati u cioe` Dr. Mario Scerri, Dr. Marisa Cassar u Dr. Michelle Montanaro Gauci.

**Ikkunsidrat**;

Ma hemmx dubbju illi oggettivament, kwalunkwe forma ta` attakk fuq il-persuna u kull forma ta` vjolenza sesswali, huwa kundannabbli u jehtieg li jigi indirizzat kif jixraq skond il-ligi. Maghmulha din id-dikjarazzjoni cara u inekwivoka, din il-Qorti issa trid tghaddi sabiex tiddeciedi dwar ir-rizultanzi processwali skond ix-xjenza legali.

Din il-Qorti hasbet fit-tul u qieset dettaljatament ir-rizultanzi processwali fosthom in-noti ta` sottomissjonijiet rispettivi tal-partijiet.

Dwar l-ewwel imputazzjoni, dik ta` tentattiv ta` stupru vjolenti, l-Qorti jkollha tistqarr li d-difiza ghandha ragun u cioe` li tali imputazzjoni ma tirrizultax. Din, ghal hafna, tista tinstema xokkanti. Filwaqt li wiehed ghandu jifhem u japprezza l-opinjonijiet diversi dwar dan, jibqa l-fatt pero` li r-regoli tal-process kriminali jitolbu li l-Qorti li tkun trid tapplika l-ligi ghall-fatti li jkunu rrizultawlha quddiemha.

F’dan il-kaz, din il-Qorti ma ghandhiex dubbju dwar l-element intenzjonali u x’kellu f’mohhu li jaghmel l-imputat. Huwa ried li jkollu x’jaqsam ma Timea Toth. Izda l-

element intenzjonali, wahdu, ma hux sufficjenti u allura issa l-Qorti trid tara l-fatti materjali li sehhew x'kienu ezattament, u fejn dawn iwasslu legalment.

**Il-fatti materjali jitkellmu wahedhom. L-imputat uza vjolenza biex propju jinnewtralizza lil Timea Toth, qattalha l-qalziet – waqt li hija kienet qed tirrezisti. Huwa rnexxielu jzommha. Xhin waslu fuq il-post l-erba persuni, li minhabba fihom, l-imputat harab minn fuq il-post, l-imputat ma kienx irnexxielu jnehhi l-qalziet ta` taht ta` Timea Toth u huwa fl-ebda hin ma kien nehha l-hwejjeg tieghu. DAN IL-KWADRU TA` FATTI GHANDU TIFSIRA PRECIZA FIL-LIGI TAGHNA, U CIOE` - ILLI L-IMPUTAT LEHAQ GHAMEL NUMRU TA` ATTI PREPARATORJI - IZDA B'DAK KOLLU LI LEHAQ GHAMEL, L-IMPUTAT DEFINITTIVAMENT MA KIENX GHADU GHAMEL ATT, IMQAR WIEHED, LI BIH IKUN TA` BIDU GHALL-EZEKUZZJONI TAD-DELITT (enfasi ta` din il-Qorti).**

Pozizzjoni iebsa kemm hija iebsa, il-konsegwenza legali tar-rizultanzi processwali hi li l-imputat ma jistax jinstab hati ta` tentattiv ta` stupru vjolenti.

U b'dan il-mod din il-Qorti qed tiddisponi mill-ewwel imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**;

Illi mhux l-istess jista jinghad pero` ghall-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra l-imputat. Minn ezami akkurat tal-provi u tal-Artikoli tal-ligi in kwistjoni, din il-Qorti tiddikjara li l-prosekuzzjoni ppruvat skond il-ligi l-imputazzjonijiet l-ohra kollha kif migjuba kontra l-imputat.

Jurgen Zahra, uza vjolenza fizika permezz ta` swat u kkaguna griehi fuq il-persuna ta` Timea Toth. Permezz ta` tali vjolenza, huwa rnexxielu jinnewtralizzaha u jzommha, anki jekk ghal ftit hin u hija ma setghetx tahrab mill-hakma tieghu. Permezz ta` tali vjolenza huwa rnexxielu jgieghelha taghmel affarijiet kontra l-volonta` taghha – effettivament huwa assoggettahha ghal tbaghbis ma sidirha; u b'dak kollu li ghamel in segwitu ghal din l-aggressjoni fuq Timea Toth, l-imputat gie li ghamel attentat vjolenti fuq il-persuna taghha u definittivament offendielha l-pudur b'ghemil li sar f'post pubbliku.

**Ikkunsidrat**;

Illi dwar is-sanzjoni li ghandha tigi imposta din il-Qorti hasbet fit-tul. U qieset ic-cirkostanzi kollha rizultanti.

Din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li Timea Toth, kienet persuna ta` 24 sena, li kienet qed tirritorna lura d-dar wara lejl ta` divertiment ma shabha. Hija bla ebda mod ma ipprovokat lill-imputat. Persuna innocenti li ghal xejn b'xejn giet attakkata u vvjolentata biex tissokkombi ghal atti sesswali. L-agir ta` l-imputat huwa kundannabbli u ma ghandux jigi tollerat f'socjeta` civili. Tant Timea Toth giet ittrawmatizzata b'dak li ghamlilha l-imputat, illi hija riedet titlaq minnufih minn Malta. Definittivament, dak li hija ghaddiet minnu f'dak il-jum ikrah ser jibqa ttimbrat f'mohhha.

Illi fil-kuntest tal-piena allura, u minghajr tlaqlieq, din il-Qorti tiddikjara li r-reati li taghhom qed tinstab il-htija kif migjuba fl-imputazzjonijiet numru (2), (3), (4), (5) u (6) kontra l-hati huma serji, u fejn ma hemmx xi raguni u/jew cirkostanza jew cirkostanzi partikolari li huma indikattivi ghal mitigazzjoni, il-hati ta` reati kif migjuba kontra l-imputat, ikun jimmerita piena li tkun ta` deterrent, bhal ma hi piena ta` prigunerija. Fil-kuntest ta` dan il-kaz, ftit li xejn jiswa ghal din il-Qorti li l-imputat kellu kondotta nadifa; ftit li xejn jiswa ghall-imputat l-fatt li huwa kien taht l-influwenza ta` l-alkohol meta ghamel din il-gennata.

Il-vjolenza fuq il-bniedem ma ghandhiex tittiehed leggerment; hadd ma ghandu dritt jattakka l-persuna u allura, bhal ma hu f'dan il-kaz, min jattakka persuna bl-intenzjoni li jivvjolenta sesswalment lill-vittma, jehtieg li jifhem li jkun zbalja u zbalja bi kbir u ma ghandux jippretendi li l-ligi tkun hanina mieghu.

**DECIDE**

**Ghall-motivi premessi l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 23, 31, 86, 87(1)(g), 207, 209, 214, 221, 251 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, issib u tiddikjara lil Jurgen Zahra mhux hati ta` l-ewwel imputazzjoni u minnha tilliberah skond il-ligi, izda issib u tiddikjara lil Jurgen Zahra hati ta` l-imputazzjonijiet l-ohra kollha kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah komplessivament ghall-piena ta` prigunerija ta` tmintax-il (18) xahar u multa ta` €1150.**

Il-Qorti, bis-sahha tad-dispost ta` l-Artikolu 533 tal-Kap 9, tordna lill-hati jhallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta` €110.53 rappresentanti l-ispejjez konnessi mal-hatra ta` WPS 63 Janet Zammit, is-somma ta` €453.64 rappresentanti l-ispejjez konnessi mal-hatra ta` Dr. Mario Scerri, €70.50 rappresentanti l-ispejjez konnessi mal-hatra ta` Brian Avellino, u €1010.67 rappresentanti l-ispejjez konnessi mal-hatra ta` Dr. Marisa Cassar. Konsegwentement qed tordna li kopja ta` din is-sentenza tigi komunikata lir-Registratur (Qrati u Tribunali Kriminali) sabiex issehh l-ezekuzzjoni ta` din l-Ordni skond il-ligi.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur